Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,701, 11 ta' Awwissu, 2026

Taqsima B

A.L. 218 tal-2026

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Ordni tal-2026 dwar il-Qorti tal-Familja (Trasferiment ta' Kawżi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 32B(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja stabbilixxa l-1 ta' Ottubru 2026 bħala d-data li fiha l-kawżi kollha assenjati sabiex jinstemgħu mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati lill-Qorti tal-Familja.